L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

# MAL3000 Teżina

12 ta’ Frar 2020

# 1. It-Teżina

# Deskrizzjoni

- Mill-eSIMS:

  “Bil-għajnuna ta’ tutur, tinħadem teżina jew fil-Lingwistika jew fil-Letteratura tal-Malti, skont l-għażla tal-istudent/a”
- Frott ta’ riċerka **oriġinali**
- Tagħti **kontribut ġdid** lill-istudju tal-lingwa jew tal-letteratura Maltija

# It-Teżina

- Id-Dipartiment jagħtiha importanza kbira:
    - tiswa 12 ECTS, 20% tal-marka globali
    - tibqa’, mhux bħal assenjament
    - issir punt ta’ riferiment
    - jippubblika artikli minn teżini ta’ kwalità għolja
    - jorganizza seminar tat-teżini

# It-Tul u l-Format

- **15,000 kelma**

  esklużi l-biblijografija, l-appendiċi u n-noti tal-qiegħ
- Paġni A4, bi spazju doppju bejn il-linji
- Tipa ċara, bħal

  **Times New Roman** daqs 12 jew **Calibri** daqs 13
- Bl-MLA jew bl-APA bħala stil ta' kitba (RefWorks)

# Il-Kwalità

- Aktar mit-tul huma importanti:
  - it-tifsil tajjeb (numru ta’ kapitli)
  - l-istil xieraq
  - iċ-ċarezza fil-kitba

# Skadenza

- Trid tiġi ppreżentata sat-**Tnejn 12 ta’ April 2021**
- Għandhom jiġu ppreżentati:
  - kopja elettronika (PDF)
  - tliet kopji (li jingħataw lura) b’qoxra ratba u stampati fuq iż-żewġ naħat tal-paġna

# Il-Preżentazzjoni

- Wara r-riżultat u wara li tagħmel il-korrezzjonijiet fejn ikun mitlub u **ddurha għall-ortografija u l-istil**, għandek tippreżenta:
    - kopja waħda elettronika lil-Librerija
    - kopja waħda elettronika lid-Dipartiment
- Xieraq li kopja oħra llegata tingħata personalment lit-tutur/i

# 2. L-Għażla tas-Suġġett

# Suġġett

- Agħżel suġġett li jkun laqtek waqt il-lezzjonijiet, fil-qari u/jew fid-diskussjoni fil-klassi
  - li jinteressak
  - tkun imħejji/ja biex tittrattah bis-serjetà
  - ikun hemm tutur li jista' jiggwidak fih

# Teżijiet oħrajn

- Fittex fit-teżijiet tal-librerija biex tifforma idea tat-tip ta' suġġett li tista' taħdem fuqu
- Tista' titnebbaħ ukoll minn teżijiet li jkunu saru f'wieħed mid-dipartimenti l-oħra tal-lingwi

# Ġabra tat-Teżijiet

- Fis-sit tad-Dipartiment tal-Malti ssib lista aġġornata tat-teżijiet tal-BA, l-MA u l-PhD dwar il-Malti li saru b'rabta:
  - mal-Lingwistika
  - mal-Letteratura
- Durhom sew

# 3. L-Għażla tat-Tutur

# Tutur

- Id f'id mal-għażla tas-suġġett tmur l-għażla tat-tutur, li jkun speċjalizza fil-qasam tat-teżina
- Kull lettur għandu l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu
- Hemm **limitu** għan-numru ta' teżini li jista' jmexxi kull lettur
- Għalhekk, mhux bilfors li t-tutur li ssib jaċċetta li jiggwidak fit-teżina

# Tutur

- Tista’ tavviċina lil wieħed mil-letturi **full-time** biex imexxik hu fit-teżina
- Tista’ **taħseb** f’xi persuna oħra kompetenti fl-Università jew barra minnha
- Imma tagħmel **l-ebda ftehim qabel ma jkollok l-approvazzjoni tad-Dipartiment**

# Proposta

- Trid iddaħħal proposta li fiha:
  - tikteb paragrafu qasir tal-proġett tiegħek
  - tipproponi tutur
- Il-proposta trid tasal għand Dr George Farrugia (OH252) sa mhux aktar tard mis-**6 ta' Marzu 2020**
- Wara d-Dipartiment japprova jew jissuġġerixxi bidliet

# 4. Kuntatt mat-Tutur

# Kuntatt regolari

- Bl-esperjenza tiegħu, it-tutur jiggwidak f'dan l-ewwel xogħol twil tiegħek
- Għandek tikkonsulta miegħu għal kull deċiżjoni importanti
  - il-wisa' tas-suġġett
  - it-tifsil ta' pjan xieraq
  - l-iżvilupp gradwali tiegħu
  - jew xi bidla fil-pjan tat-teżina

# Kuntatt regolari

- Żomm kuntatt regolari. Imma uża l-prudenza: it-tutur għandu ħafna xogħlijiet oħra
- Jekk ikollok xi diffikultà, mhux bilfors fil-livell akkademiku, li qed iżżommok lura fix-xogħol, tkellem miegħu mill-ewwel
- It-teżina xogħlok. Inti trid tħabrek biex taħdimha u tlestiha. Tistenniex li t-tutur joqgħod jiġri warajk

# Tarġa tarġa

- Idealment lit-tutur tippreżentalu parti mit-teżina minn żmien għal żmien
- Taħdmihiex kollha u tgħaddihielu f'daqqa
- Il-korrezzjonijiet u l-gwida tiegħu għandek bżonnhom kmieni biex fuq il-parir tiegħu tkun tista' ttejjeb il-prodott

# 5. L-Etika u t-Turnitin

# Formola tal-Etika

- Kull min jikteb teżi, irid jimla l-formola tal-etika
- F'diskussjoni mat-tutur, li jrid japprova l-formola tiegħek, imla l-formola
- Lit-tutur ikkupjah f'kull korrispondenza li tibgħat

# Formola tal-Etika

- Dettalji personali
- Titlu tat-teżina u isem it-tutur
- Deskrizzjoni qasira
- **Mistoqsija 11** tħoll u torbot

11. Will project involve collection of primary data from human participants? *

- ◯ No (PROCEED TO PART 2. SELF-ASSESSMENT)
- ◯ Yes/Unsure (PLEASE ANSWER NEXT QUESTION)

12. If applicable: Explain primary data collection from human participants

Please explain a. salient characteristics (min-max participants, age, sex, other); b. how they will be recruited; c. what they will be required to do; d.duration; e. if inducements/rewards/compensation are offered; f. how participants may benefit.

Your answer

Next

# Formola tal-Etika

- Jekk le, tkun prattikament lest/a
- Jekk iva, **skont il-każ**, tkun trid tinkludi xi dokumenti, eż:
    - kopja tal-kwestjonarji jew tal-mistoqsijiet
    - formola tal-kunsens
    - formola tal-protezzjoni tad-data
- Ara l-mistoqsijiet komuni (FAQ)

# Turitin

- Laqgħa nhar il-Ġimgħa (pitgħada)

  12:00 - 14:00

  TR003 fil-Binja tas-Servizzi tal-IT

# 6. Il-Viva Voce

# Lejn tmiem Ġunju

- Tissejjaħ għal eżami orali jew aħjar diskussjoni mal-bord tal-eżaminaturi tat-teżina tiegħek
- Il-bord jagħmillek xi mistoqsijiet fuq xogħlok
- Jista’ jissuġġerilek xi bidliet, żgħar jew kbar, li tkun trid tagħmilhom qabel ma tippreżenta l-aħħar verżjoni

# 7. Fil-Qosor

# Fil-qosor

- Agħżel suġġett u tutur, imla l-proposta sas-**6 ta' Marzu 2020**
- Imla l-formola tal-Etika
- Aħdem fuq it-teżina, ftit kuljum
- Żomm kuntatt regolari mat-tutur
- It-tul tat-teżina: **15,000 kelma** (niżżel il-wordcount)
- Uża l-istil MLA jew APA
- Ippreżenta kopja elettronika u tliet kopji b'qoxra ratba sat-**12 ta' April 2021**
- Wara l-viva voce u r-riżultat, agħmel il-korrezzjonijiet u dur l-ortografija u l-istil, u ppreżenta kopja elettronika lil-Librerija u lid-Dipartiment (Turnitin)